# IL-KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL
# TAL-ĦADDIEMA MALTIN U GĦAWDXIN

PJAN LABURISTA
BIDU ĠDID

KONFERENZA ĠENERALI ANNWALI 2007

PARTIT LABURISTA

# Introduzzjoni

## 1. ID-DRITT GĦAX-XOGĦOL

1.1 Ix-xogħol huwa ħtieġa u dritt fundamentali għall-bniedem għax jagħtih dinjità u jqallgħu l-għixien – għalih u għal dawk li jiddependu minnu. Ix-xogħol huwa l-bażi ta' kull attività ekonomika fil-pajjiż. Proprju għalhekk li kull gvern għandu jkollu bħala mira ewlenija, il-ħolqien ta' aktar impjiegi permezz ta' ppjanar ekonomiku għaqli, aktar investiment fl-oqsma tal-produzzjoni, tal-manifattura u tas-servizzi, u – fuq kollox – tqassim ġust tal-ġid u tal-piż nazzjonali.

1.2 Dan kollu jista' jitwettaq jekk ikun hemm ruħ soċjali li tqis sewwa lil kull ċittadin/a fl-ewwel post bħala persuna sħiħa li għandha dritt għal dinjità xierqa, għal għixien ġust u għal ħarsien soċjali li jiggarantixxi ugwaljanza fl-opportunitajiet li l-pajjiż jista' joffri.

1.3 Minbarra dawn l-elementi fundamentali, għandu jkun hemm;

i. rabta u kontinwazzjoni razzjonali bejn iż-żmien ta' tħejjija – l-edukazzjoni u l-formazzjoni akkademika jew teknika;
ii. il-ftuħ ta' opportunitajiet ġodda fil-qasam ta' l-impjiegi li l-pajjiż jista' joffri;
iii. diskussjoni ħajja u kontinwa mal-partijiet soċjali konċernati (unions, rappreżentanti ta' min iħaddem, partiti politiċi u rappreżentanti tas-soċjetà ċivili, eċċ.)

Fuq dawn it-tlett binarji, il-Gvernijiet Laburisti kollha tul is-snin saħqu bla heda fuq firxa wiesgħa ta' aktar tagħlim u taħriġ b'mod li anki dawk li ma kellhomx xeħta għal tagħlim akkademiku, ingħataw l-ispazju u l-appoġġ meħtieġ biex jiksbu taħriġ tekniku fi snajja' li – skond il-ħtieġa u x-xenarju taż-żmien – seta' jwassalhom għal għixien skond il-ħiliet tagħhom.

## 2. IL-ĦADDIEM - L-AQWA RIŻORS TAL-PAJJIŻ

2.1 Għall-gvernijiet Laburisti tal-bieraħ u ta' għada hemm realtà innegabbli li pajjiżna jrid jibni fuq l-ikbar u l-aqwa riżors naturali li huwa mżejjen bih – ir-riżors uman; in-nies kollha tax-xogħol, in-nies kollha li jistħoqqilhom id-dinjità li jaqilgħu ħobżhom mix-xogħol tagħhom.

2.2 Quddiem realtà bħal din, il-qasam ta' l-edukazzjoni u taħriġ huwa fundamentali. L-investiment f'dan il-qasam għandu jkun prijorità mhux biss bħala impenn soċjali għaqli, imma wkoll bħala bażi għal ippjanar ekonomiku serju li jħares lejn ġejjieni xieraq għall-pajjiż u għaċ-ċittadini tiegħu. L-impenn soċjali għandu jkunu tali li jirrifletti ġustizzja għal kulħadd u dan billi l-oqsma edukattivi provduti mill-Istat ikunu fost l-aqwa sabiex il-ġenituri u l-istudenti nfushom ikollhom tassew għażla ħielsa u ġusta. Minkejja li n-nefqa ta' pajjiżna fl-edukazzjoni tqarreb il-medja tal-pajjiżi membri fl-Unjoni Ewropea, m'humiex jinkisbu l-istess riżultati. Hemm bżonn li jitfasslu mezzi biex niżguraw edukazzjoni ta' suċċess għall-uliedna.

2.3 Il-gvernijiet Laburisti tas-snin sebgħin ħolqu ħafna opportunitajiet ta' impjiegi bit-twaqqif ta' bosta azjendi nazzjonali kbar. Din il-ħidma mhux biss waqqfet l-emorraġija ta' ħaddiema kapaċi bħalma ħarrabna bl-emigrazzjoni sfurzata fis-snin sittin, imma fetħet orizzonti kbar għal impjiegi fl-oqsma bankarji, ta' l-avjazzjoni, tat-telekommunikazzjoni u tat-turiżmu. Twaqqfu azjendi li minbarra s-sehem kbir li taw fil-bini ta' qafas ekonomiku ġdid għal pajjiż tassew ħieles u sovran, kellhom mandat soċjali preċiż li joffru spazji ġodda u opportunitajiet kbar fil-qasam ta' l-impjiegi.

2.4 Filwaqt illi jirrikonoxxi l-ħtieġa tal-bidla sabiex is-suq tax-xogħol Malti tiżdiedlu l-flessibilità tiegħu u għaldaqstant isir aktar kompetittiv, il-Partit Laburista jemmen li l-ħaddiem Malti għandu jibqa' fiċ-ċentru ta' kwalunkwe miżuri li jistgħu jittieħdu f'dan ir-rigward. Għaldaqstant Gvern Laburista ġdid ifittex biex irażżan l-għoli tal-ħajja biex jgħin il-livelli ta' l-għixien tal-familji tal-ħaddiema u fl-istess ħin iżid il-kompetittività tas-suq tax-xogħol tagħna.

# Sitwazzjoni Preżenti

## 3. X'INHU GĦADDEJ

3.1 Fl-aħħar snin rajna manuvrar li kien donnu maħsub biex iħott il-fejda ta' azjendi li matul snin twal, taw kontribut liema bħalu lill-ekonomija tal-pajjiż. Għall-gvernijiet Nazzjonalisti dawn l-azjendi b'saħħithom sfaw priża faċli f'ġungla ta' min jiflaħ iħawwel u min ma jiflaħx, jitħawwel u jintrifes!

3.2 Agħar minn hekk, skemi ta' privatizazzjoni parzjali jew totali servew biex jimlew ħofor ta' djun enormi kkaġunati minn nuqqas ta' ppjanar serju, ħela, tberbiq u sparpaljar bla rażan.

Litteralment, il-fided tal-pajjiż servew ta' rażan għall-kapriċċi ta' min ma kienx kapaċi jmexxi u ta' min kellu biss l-interess politiku li jinqdew biss il-ħbieb tal-ħbieb.

3.3 Minbarra dan it-tħarbit, irridu naraw u nifhmu wkoll ix-xenarju iktar wiesgħa bil-bidliet kbar li seħħew fl-aħħar snin fuq skala internazzjonali – il-globalizzazzjoni u l-avvanz enormi fit-teknoloġija u fl-informatika. Ma nistgħux niffaċċjaw dawn il-bidliet jekk ma nfittxux li nfasslu s-servizzi edukattivi tal-pajjiż b'mod li jkunu dinamiċi u orjentati lejn xenarju li diġà nbidel ħafna u għad irid jinbidel b'ħeffa iktar mgħaġġla.

## 4. KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL

4.1 Fl-istess waqt li l-Gvern Nazzjonalista kien qiegħed jistrumentalizza bidliet orkestrati fil-kumpanniji u korporazzjonijiet parastatali, f'pajjiżna bdiet tiddaħħal filosofija ġdida ta' kif jiġi trattat il-ħaddiem.

4.2 Kulħadd jaf li matul dawn l-aħħar snin is-suq tax-xogħol m'għaddhiex u mhux għaddej minn żmien sabiħ, speċjalment dak privat u ċertu ħaddiema fil-qasam parastatali b'mod partikolari f'dawn l-oqsma, il-qagħda attwali hija karatterizzata minn dawn il-fatturi:

- għeluq ta' fabbriki li ilhom stabbiliti snin kbar f'pajjiżna
- sensji
- tnaqqis fil-kundizzjonijiet tax-xogħol
- nuqqas ta' xogħol għal ħaddiema li jkollhom impjieg *(underemployment)*
- kompetizzjoni diretta minn ħaddiema barranin (kemm b'mod legali, kif ukoll b'mod illegali)
- skemi ta' irtirar kmieni
- żieda fit-tilwim industrijali
- attakk sħiħ fuq il-kwalità tal-ħajja tal-familji tal-ħaddiema
- l-aktar rata baxxa fl-Ewropa ta' parteċipazzjoni femminili fis-suq tax-xogħol
- rata ġenerali ta' parteċipazzjoni fis-suq tax-xogħol fost l-aktar baxxi fl-Unjoni Ewropea
- madwar 40% ta' dawk li jfittxu xogħol huma żgħażagħ
- żieda qawwija fil-qgħad ta' dawk bejn il-25 u d-29 sena
- diskrepanzi fil-figuri tax-xogħol bejn l-ETC u l-LFS, li ma jistgħux ikunu imfissra biss minħabba l-metodi differenti ta' kejl tax-xogħol li jużaw dawn iż-żewġ sorsi differenti
- rata baxxa ħafna ta' taħriġ vokazzjonali
- livelli ta' qgħad li huma relattivament fost l-ogħla fl-istorja riċenti ta' pajjiżna.

Minħabba f'hekk, azjendi jkunu f'pożizzjoni li joffru impjiegi b'pagi inferjuri u għal ħafna persuni (b'mod partikolari nisa) ma jkunx jagħmel sens li jidħlu fid-dinja tax-xogħol, partikolarment jekk ikunu qed igawdu minn benefiċċji soċjali. Minn barra dan, ħaddiema li jirreġistraw għax-xogħol ma jkunx jaqbel għalihom li jaħdmu f'ímpjiegi li d-dħul tagħhom jiġi daqs paga minima jew ftit aktar meta bil-benefiċċji soċjali dawn jieħdu ftit anqas minn dak li jkunu qed jaħdmu għalih. In-nuqqas ta' opportunitajiet ġodda ta' xogħol qed iwasslu għal din

is-sitwazzjoni. Aktar ma jkun hawn impjiegi disponibbli aktar jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol.

## 5. IMPJIEGI *PART-TIME*

5.1 Matul dawn l-aħħar għaxar snin assistejna għal żieda fenomenali fl-impjiegi *part-time*, tant li llum f'pajjiżna hawn madwar 23,000 ħaddiem li l-uniku dħul tagħhom huwa minn xogħol hekk.

5.2 Dan il-fenomenu m'huwiex ristrett biss għal Malta, imma huwa internazzjonali. Qed jingħad li dan iservi biex is-swieq tax-xogħol ikunu aktar flessibbli u kompetittivi. Huwa fatt ukoll li, għalkemm il-Gvern jiftaħar b'leġislazzjoni ġdida fil-qasam tax-xogħol , din il-leġislazzjoni mhix tiġi mħaddma kif suppost .

5.3 B'konsegwenza t'hekk, bosta mit-23,000 ħaddiem *part-time* f'pajjiżna qed jiġu sfruttati kemm minn min iħaddimhom, kif ukoll mill-Gvern innifsu. Ix-xogħol tagħhom hu mitqies bħala prekarju; min iħaddem għandu poter sħiħ biex jimponi r-rieda tiegħu fuq dawk li jkollhom impjieg *part-time* miegħu. S'issa għadu ma nħoloq l-ebda qafas definittiv li jħares lil dawn il-ħaddiema u d-dipendenti tagħhom.

5.4 Smajna kif il-Gvern Nazzjonalista jrid jemenda r-regoli dwar il-ħlasijiet tal-kontribuzzjoni socjali (il-bolla). Ftit jafu kif dan se jsir; fl-istess waqt wieħed jinnota li riforma ta' aġġornament fit-tfassil tas-servizzi soċjali messha ilha li saret, biex nieħdu ħsieb il-bidliet ekonomiċi, soċjali u kulturali kbar li seħħew fi ħdan is-soċjetà tagħna. (Imma se nerġgħu nkunu *too little too late!*). Lil hinn mill-aspett ta' tassazzjoni socjali, il-Partit Laburista jemmen li jeżistu hemm kwistjonijiet soċjali oħrajn li jridu jiġu indirizzati. Fuq quddiem nett titla' l-kwistjoni tad-dritt għall-pensjoni li għandu jkollhom ħaddiema *part-time*, speċjalment f'qafas ta' kwalunkwe bidla li tista' sseħħ fis-sistema tal-pensjonijiet.

5.5 Il-Partit Laburista jemmen li ħaddiema u impjegati *part-time* għandu jkollhom dritt għal pensjoni xierqa daqs ħaddiema oħrajn li jaħdmu fuq kuntratt indefinit u *full-time*. Jistqarr il-mira li jġib il-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom eventwalment komparabbli f'kollox għal dawk ta' min jaħdem fuq bażi *full-time.*

## 6. SEHEM IN-NISA

6.1 Minbarra il-kunsiderazzjonijiet li jirrigwardaw ix-xogħol *part-time*, problema oħra fis-suq tax-xogħol Malti tħalliet torqod fit-tul mill-Gvernijiet Nazzjonalisti. Din hija l-problema tan-nuqqas ta' parteċipazzjoni tan-nisa fid-dinja tax-xogħol.

6.2 Pajjiżna għandu l-aktar rata baxxa ta' ħaddiema nisa fost il-pajjiżi kollha imseħbin fl-UE. Huwa veru li hemm xi pajjiżi , bħalma hi l-Polonja, fejn in-nisa jieħdu sehem attiv f'industriji

agrikoli, filwaqt illi f'Malta dan ma jseħħx. Iżda huwa fatt ukoll li r-rata tal-parteċipazzjoni femminili fis-suq tax-xogħol tagħna mhux talli ma żdiditx, talli f'ċerti perjodi matul dawn l-aħħar għaxar snin naqset ukoll. Huwa ta' għajb li f'pajjiżna din il-figura tħalliet stazzjonarja f'livell ta' madwar it-33% tal-*labour supply* .

6.3 Il-Partit Laburista jemmen bis-sħiħ li dan ir-riżors uman li tħalla traskurat u moħli, għandu jingħata kull attenzjoni biex jiġi utilizzat aħjar. Mhux biss jiggwadanjaw il-familji, imma tgawdi l-ekonomija tal-pajjiż kollu kemm hu .

6.4 L-istorja soċjali ta' pajjiżna tixhed kif kienu Gvernijiet Laburisti li daħħlu paga ndaqs għan-nisa u rġiel li jagħmlu l-istess xogħol, u dan biex iwittu t-triq għal iktar ġustizzja fl-oqsma tax-xogħol. Kienet waħda minn ħafna miżuri li bihom il-Partit Laburista bil-fatti ried li l-mara tingħata kif jixraq, kull spazju fil-ħajja tal-pajjiż.

6.5 Li jmiss isir hu l-introduzzjoni ta' *female* u *family-friendly policies* mill-aktar fis possibli, sabiex l-problema ta' parteċipazzjoni baxxa feminili fid-dinja tax-xogħol tiġi indirizzata b'mod urġenti. Issa l-poplu xeba' jisma paroli, wegħdi u studji!

6.6 Gvern Laburista ġdid jagħti prijorita` lil din l-isfida.

# Inkunu Pro-attivi

## 7. NIDENTIFIKAW IL-PROBLEMI

7.1 L-iskop ta' dan id-dokument mhux ta' attakk fuq il-politika falluta fil-qasam tal-impjiegi tal-Gvern Nazzjonalista. Iżda biex is-sitwazzjoni tkun tista' tiġi mtejba u pajjiżna jerġa' jqum fuq saqajh, irridu bilfors nidentifikaw fejn falla l-Gvern. Jekk se nkunu realistiċi, irridu l-ewwel nagħrfu l-iżbalji u l-problemi. Wara dan il-pass imbagħad, għandu jiddaħħal u jitwettaq pjan serju biex tassew intejbu l-qagħda ta' l-impjiegi f'Malta u Għawdex.

7.2 L-akbar problema hija li l-Gvern Nazzjonalista qatt ma ammetta li għandna kriżi fil-qasam ta' l-impjiegi. Biss jirriżulta bl-aktar mod ċar li l-figuri tal-qgħad (anke dawk imħabbra mill-ETC) huma inkwetanti ħafna. Il-Gvern kien ippubblika NEP (*National Employment Plan*) madwar tlett snin ilu. Skond il-miri issettjati f'dan il-pjan, il-Gvern kien u għadu fallut.

7.3 Biżżejjed naraw kif uħud mill-problemi intrinsiċi li għandna fil-figuri tal-qgħad, u li jinsabu elenkati fil-lista t'hawn fuq (speċjalment fatturi bħalma huma l-*long term unemployed* - LTU's, qgħad fost iż-żgħażagħ u nuqqas ta' parteċipazzjoni femminili fis-suq tax-xogħol), kienu hemm u baqgħu hemm.

7.4 Inutli jiġu publikati studji, rapporti u kotba. Jibqa' jidher ċar li l-Gvern spiċċatlu l-ħeġġa

ġenwina biex jirbaħ l-isfida tar-ristrutturar fis-suq tax-xogħol. Il-problemi li qed jiffaċċja pajjiżna bħalissa jaqgħu taħt żewġ kategoriji. Dawk li ġabhom il-gvern stess b'idejh u dawk li ġew minħabba żviluppi internazzjonali. Gejjin minn fejn ġejjin, pajjiżna xorta waħda qed ikollu jiffaċċjahom u huwa ovvju li s-suq tax-xogħol tagħna qiegħed jaqa' lura. Mhux qed jirnexxielu jimmudella ruħu b'rata mgħaġġla biżżejjed biex pajjiżna jirbaħ it-tellieqa tant neċessarja għall-għixien xieraq tal-poplu tagħna .

7.5 Biżżejjed naraw ftit l-istrutturi li għandu l-Gvern f'idejh u kif qiegħed jutilizzahom. Bħalissa l-Gvern għandu żewġ strutturi ewlenin li suppost qed jutilizzahom biex itejjeb il-qagħda tas-suq tax-xogħol f'pajjiżna – l-Korporazzjoni tat-Taħriġ u Impjiegi (ETC) u l-Malta Enterprise.

## 8. IL-KORPORAZZJONI GĦAT-TAĦRIĠ U IMPJIEGI (ETC)

8.1 Wasal iż-żmien li din il-korporazzjoni tingħata tifsila ġdida għall-operat tagħha. Hemm bżonn ta' ripensament sħiħ ta' kif għandha taħdem u titmexxa. Sittax-il sena ilu, din il-korporazzjoni ġiet mifruda mid-Dipartiment tax-Xogħol, u illum kulħadd jirrikonoxxi li dan kien pass pożittiv. Iżda meta nqabblu l-ħidma ta' l-ETC ma' l-isfidi l-ġodda li għandha quddiemha bħalissa, jidher ċar li l-ETC m'hix tlaħħaq magħhom.

8.2 Hemm bżonn li l-bord tad-diretturi ta' l-ETC jirrifletti aħjar l-interessi tas-sħab soċjali fid-dinja tax-xogħol, jiġifieri dawk ta' l-industrija, il-unions, id-dipartiment ta' l-Edukazzjoni. Fl-istess ħin għandhom jiddaħħlu l-interessi tal-Malta Enterprise, il-KMPD, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Affarijiet tal-Mara u għall-Ugwaljanza Sesswali b'mod aktar attiv.

8.3 Irridu għalhekk naraw jekk wasalx iż-żmien li saħansitra tinbidel il-liġi li tirregola l-funzjoni ta' l-ETC. Fl-Irlanda u fl-Iżvezja n-nominazzjonijiet ftit li xejn huma politiċi. Anzi jirriflettu l-interessi tas-sħab soċjali fid-dinja tax-xogħol b'mod aktar dirett, jiġifieri dawk ta' l-industrija, il-*unions*, id-dipartiment ta` l-edukazzjoni. Fl-istess ħin, għandhom jiddaħħlu l-interessi tal-Malta Enterprise, il-KNPD, il-Kummissjoni Nazzjonali għall-Affarijiet tal-Mara u għall-Ugwaljanza Sesswali.

8.4 B'hekk inkunu qed niżguraw rappreżentanza aktar diretta tal-*players* li l-aktar jimpurtahom mis-suq tax-xogħol. U b'hekk inkunu qed niżguraw li l-ETC verament tilħaq l-għanijiet għalfejn twaqqfet, jiġifieri t-taħriġ u l-*matching/placements* ta' l-impjiegi .

8.5 Sfortunatament huwa hawnhekk fejn l-ETC qed tfalli. U qed jiġri hekk għax m'hemmx biżżejjed affjatament bejn l-ħidma tal-korporazzjoni u r-realtà ta' l-industrija kollha kemm hi.

8.6 Minbarra din il-problema, hemm il-problema tal-*mismatch* inversa li teżisti bejn il-korsijiet li toffri l-ETC u l-kwalitajiet ta' ħiliet li għandhom dawk li jirreġistraw għax-xogħol. Sfortunatament l-maġġoranza l-kbira tal-korsijiet li toffri l-ETC huma indirizzati għal ħaddiema li diġà huma *skilled* jew *semi-skilled*, filwaqt li l-maġġoranza tal-klijenti tagħha huma bla sengħa.

8.7 In-nuqqas ta' għarfien ta' din il-problema, li l-Partit Laburista xeba' jisħaq fuqha, huwa wieħed mill-akbar raġunijiet għalfejn tlifna u għadna qed nitilfu ċertu tip ta' investiment.

8.8 Paċenzja li qed niffaċċjaw kompetizzjoni internazzjonali ħarxa. Paċenzja li l-ispiża tax-xogħol tagħna hi fost l-ogħla mill-membri l-ġodda ta' l-Unjoni Ewropea u ferm ogħla minn dik tat-tramuntana ta' l-Afrika u taċ-Ċina. Imma mhux sew li l-Gvern ikompli jinjora dan il-fatt importanti. Għax issa, barra milli ma jagħtix kas tar-rata qawwija ta' illitteriżmu li għandna, lanqas biss qed juri interess ġenwin biex itejjeb il-kwalitajiet tal-ħaddiema qegħda li għandna.

8.9 Jidher ċar ukoll li l-ETC qatgħet qalba dwar kwistjonijiet bħalma huma l-ugwaljanza fost is-sessi, il-qgħad fost iż-żgħażagħ u l-qgħad fit-tul (*long term unemployment*).

8.10 Huwa kruċjali li l-ETC tikkonċentra l-ħidma tagħha fuq it-taħriġ u s-sejbien ta' *placements* adekwati għall-klijenti tagħha. Sabiex l-ETC tkun tista' tiffoka l-enerġiji tagħha fuq it-taħriġ u l-*placements*, id-dipartiment tar-riċerka tagħha jista' jingħaqad ma' dak tal-Uffiċċju Nazzjonali ta' l-Istatistika . B'hekk, għandha tittejjeb l-effiċjenza u niffrankaw aktar ħela jew duplikazzjoni ta' riżorsi umani.

8.11 L-ispettorat ta' l-ETC qiegħed jieħu ħafna mir-riżorsi umani ta' l-azjenda, meta nafu li l-għan ewlieni tiegħu hu dak ta' *law enforcement*. Għaldaqstant jinħass il-bżonn li dan ix-xogħol isir minn min għandu interess dirett li jikkontrolla l-abbużi mis-servizzi soċjali (id-Dipartiment tas-Sigurtà Soċjali), minn min suppost jikkontrolla l-evażjoni tat-taxxa (id-Dipartiment tal-Finanzi), u minn min suppost jikkontrolla l-ordni u l-osservanza tal-liġijiet (il-Pulizija).

8.12 Fl-istess waqt jinħass il-bżonn li jissaħħu s-servizzi li l-ETC tipprovdi f'dak li għandu x'jaqsam ma' *occupational/industrial psychologists*.

8.13 Dawn huma kollha riformi meħtieġa b'mod urġenti biex din l-għodda li għandu l-Istat taħdem aħjar u taqdi sew il-funzjoni li għalih twaqqfet .

## 9. *MALTA ENTERPRISE*

9.1 Jinħass il-bżonn li l-Gvern iħaddem din l-istruttura kif verament jixirqilha. Sfortunatament bħalissa ma jidhirx li l-*Malta Enterprise* qegħdha tagħti l-frott meħtieġ minnha .

9.2 Gvern Laburista jwaqqaf *task force* permanenti ippreseduta mill-Prim Ministru, b'rappreżentanza governattiva u privata biex tagħmel proposti għal titjib fl-inċentivi u s-sostenn mogħti lill-investimenti ġodda fil-produzzjoni. Dan għandu jwassal għal riforma sħiħa fil-*Business Promotion Act* .

9.3 Il-*Malta Enterprise* għandha taħdem bla heda fit-tiftix għall-*Foreign Direct Investments* (FDI's), fl-ipproċessar u għoti ta' permessi għall-iżvilupp, proġetti ta' żvilupp industrijali mitqiesa

bħala siewja, u li jkollhom ċerta importanza. Għandu jingħata trattament preferenzjali għal dawn il-proġetti sabiex titnaqqas il-burokrazija, li spiss twassal biex jintilfu ċerti investimenti.

## 10. KUNDIZZJONIJIET TAX-XOGĦOL F'OQSMA DIFFERENTI

### Is-Settur tal-Manifattura

10.1 Dan is-settur ilu is-snin sejjer lura minħabba fatturi varji. Il-gvern Nazzjonalista naqas milli jsib strateġiji alternattivi biex verament jitwettaq ir- ristrutturar industrijali tant kruċjali għall-ekonomija Maltija u għall-ħolqien ta' impjiegi ġodda. Naraw kif intrapriżi li kellhom percentwal għoli mill-ispiża tal-produzzjoni f'pagi, telqu minn pajjiżna u ġarrew f'pajjiżi oħrajn bħalma huma ċ-Ċina , l-Afrika ta' Fuq u l-Ewropa tal-Lvant.

10.2 Min-naħa l-oħra Gvern Nazzjonalista kien lest jissagrifika dan is-settur kif jixhdu ċerti stqarrijiet ta' Ministri Nazzjonalisti li huma stess bassru l-mewt tal-manifattura. Gvern Nazzjonalista ma ħaddimx strateġija effettiva favur l-industriji kbar u żgħar, li diġà kienu joperaw fostna u favur il-promozzjoni meħtieġa ta' industriji ġodda.

10.3 Is-sistema edukattiva Maltija m'hix tlaħħaq mad-domanda ta' ħiliet ġodda li għandha bżonn ekonomija bbażata fuq l-għerf (*knowledge based economy*). Dan huwa fattur importanti li xekkel l-bidla u progress li setgħu seħħu f'dan il-qasam ġdid. Għalhekk intilfu investimenti ġodda li setgħu jimmodernizzaw impriżi eżistenti jew jintroduċu impriżi teknoloġiċi kompletament ġodda għall-pajjiżna, fejn l-ispiża tax-xogħol mhux daqstant determinanti.

10.4 Ma nistgħux nikkompetu bis-sħiħ fl-Unjoni Ewropea meta għandna waħda mill-akbar rati ta' illiteriżmu. Minbarra hekk, Malta għandha l-akbar rata ta' *school leavers* fl-Unjoni Ewropea b'44.5%, meta l-medja tal-ħamsa u għoxrin pajjiż fl-UE hija ta' 14.9%. Il-persentaġġ ta' studenti li għadhom jistudjaw fl-età ta' tmintax-il sena hija ta' 42.9 % f'Malta, meta il-medja ta' pajjiżi membri fl-UE hija ta' 76.3%. Minbarra hekk, Malta tonfoq ħafna inqas mill-pajjiżi membri ta' l-Unjoni Ewropea fir-riċerka, bħala persentaġġ tal-prodott gross domestiku (0.26%) minflok il-medja ta' 1.95% tal-pajjiżi l-oħra .

10.5 Dawn il-fatturi xekklu il-kapaċità ta' l-industrija Maltija biex timmodernizza ruħha u tabilħaqq tilqa' l-isfidi ġodda ta' dinja globalizzata. Fis-sena 1995, kien hemm 30,569 ħaddiem fil-qasam tal-manifattura. Fil-2005 dawn niżlu għal 19,049. Ta' min iżid, li allavolja kien hemm dan it-tnaqqis, is-settur tal-manifattura għadu importanti ħafna f'pajjiżna. U dan għaliex għadu jikkontribbwixxi mal-20% tal-Prodott Gross Domestiku. Għalhekk il-Partit Laburista jibqa' jsostni li l-manifattura ma tistax tiġi mogħtija l-ġenb (kif qed jagħmel il-gvern tal-ġurnata), u li għad għandha post fl-ekonomija ta' pajjiżna.

10.6 Fix-xenarju li semmejna, il-kundizzjonijiet tax-xogħol fil-manifattura komplew jeħżienu; illum anke f'dan is-settur, feġġ ix-xogħol *part-time* li ħafna drabi jintuża biex jitnaqqsu

l-kundizzjonijiet tax-xogħol ta' ħaddiema *full-time*.

10.7 Il-Partit Laburista jemmen li l-ġejjieni tas-settur tal-manifattura ma jiddependix iktar fuq il-prezz tax-xogħol imma jiddependi aktar fuq il-ħila tal-ħaddiema tagħna mħarrġa għal xogħol speċjalizzat, produttività aktar għolja, u produzzjoni ta' kwalità għolja u innovattiva. Dawn l-għanijiet jistgħu u għandhom jintlaħqu mingħajr ma jitnaqqas il-livell tal-ħajja tal-ħaddiema tagħna u tal-familji tagħhom.

## Il-Bini u Kostruzzjoni

10.8 Dan is-settur dejjem kien u jibqa' importanti għall-ekonomija Maltija iżda fl-aħħar snin bdew jitfaċċaw problemi u kontradizzjonijiet fil-mod kif il-kundizzjonijiet tax-xogħol qed ikunu mmexxija. Żviluppaturi u kuntratturi jgħidu li qed isir diffiċli għalihom, biex isibu nies mħarrġa biżżejjed li lesti jaħdmu f'dan is-settur. Min-naħa tagħhom, ħaddiema mħarrġa jgħidu li m'humiex jingħataw ħlas li hu kompatibbli mas-sengħa tagħhom u ma' l-isforz li jkunu jridu jagħtu fix-xogħol. Bi qbil ma' dawk kollha konċernati, Gvern Laburista ġdid ifittex li jdaħħal effiċjenza, serjetà, trasparenza u ġustizzja fil-mod kif jingħata u jitmexxa x-xogħol tal-bini u tal-kostruzzjoni, bil-għan li das-settur ikompli jiżviluppa bħala għajn nazzjonali ta' ħidma u qligħ.

10.9 Il-Partit Laburista jemmen ukoll li għandhom isiru sforzi akbar biex intejbu l-livelli tas-saħħa u s-sigurtà fuq il-postijiet tal-kostruzzjoni, fejn sfortunatament l-aktar settur li jseħħu mwiet waqt ix-xogħol. Il-Partit Laburista jagħraf li ħidma f'dal-qasam tista' tkun aktar perikolużu minn ħidma f'setturi oħrajn. Jemmen li jekk jiżdiedu l-prekawzjonijiet fis-saħħa u sigurtà fil-qasam tal-bini, iktar ħaddiema jkunu lesti jidħlu għal dan ix-xogħol. Waħda mill-akbar sfortuni hi li bħalissa għalkemm teżisti leġislazzjoni siewja, għal xi raġuni din mhux qed tiġi applikata b'mod effiċjenti. Il-mira ta' Gvern Laburista ġdid tkun li jdaħħal u jimplimenta f'Malta ir-regolamenti dwar saħħa u sigurtà li jkunu qed jitħaddmu fil-pajjiżi membri ta' l-UE li l-aktar huma avvanzati f'miżuri bħal dawn.

## Biedja u Sajd

10.10 Il-biedja u s-sajd jinsabu fi kriżi. Dan nistgħu narawh min-numru ta' bdiewa u mill-qligħ tagħhom, li naqas matul l-aħħar snin. Il-bdiewa u s-sajjieda ġew mwegħdin ħafna affarijiet sbieħ, imma wara, malajr ġew abbandunati kważi għal kollox. Qabel l-elezzjoni l-wegħda kienet li hekk u kif id-differenza fil-prezz bejn il-prodott lokali u dak importat tilħaq l-għaxra fil-mija, il-gvern kien se jimplimenta s-*safeguard clause* maqbula fil-ftehim għad-dħul ta' Malta fl-Unjoni Ewropea. Dan ma seħħx .

10.11 L-industrija tat-tkabbir tal-majjali tnaqqset bin-nofs. Dik tat-tkabbir tat-tiġieġ kważi nqerdet għal kollox. Is-sajd ukoll qed jaffaċja kriżi minħabba il-kompetizzjoni ħafna drabi inġusta, li ġejja minn sajjieda barranin li huma attrezzati ħafna aħjar milli jistgħu jkunu s-sajjieda Maltin.

10.12 Dawn il-fatturi ssarfu f'telfien ta' impjiegi u f'kundizzjonijiet mnaqqsa ta' xogħol għal dawk li għadhom imħajra jkunu bdiewa u sajjieda. Gvern Laburista ġdid jara kif jagħmel biex jagħtihom kull appoġġ billi jtejjeb il-kundizzjonijiet ta' xogħol tagħhom.

## Il-Qasam tas-Servizzi

10.13 L-industrija tas-servizzi hija vitali għal pajjiżna. Fuq nett hemm it-turiżmu, qasam ieħor li jinsab fi kriżi, b'nuqqas drastiku fin-numru ta' turisti li qed iżuru gżiritna. Il-Partit Laburista minn dejjem ta prova li kellu u għandu l-aħjar nies biex imexxu din l-industrija 'l quddiem u jerġgħu jirrankawha, għall-aħjar ġid ta' l-ekonomjia Maltija .

10.14 Minħabba l-kriżi fit-turiżmu, il-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema konċernati qed jiħżienu. Illum, iktar minn qatt qabel, lukandiera, sidien ta' ristoranti u oħrajn qed jaraw kif jevitaw li jħaddmu ħaddiema *full-time*. Kemm jista' jkun, qed ifittxu li jħaddmu ħaddiema *part-time* b'kundizzjonijiet ta' xogħol imnaqqsa li jiswew anqas għal min iħaddem. *Part-timers* jiġu wżati biex jaħdmu fil-Ħdud u festi pubbliċi ħalli ma jitħallsux rata doppja. Dan l-aħħar anki rajna każi fejn inġabu ħaddiema barranin fuq bażi kuntrattwali biex jaħdmu f'lukandi Maltin .

10.15 Il-Partit Laburista jagħraf li fatturi esterni bħalma hi l-kompetittività ġenerali tas-settur turistiku Malti mqabbla ma' swieq oħra, qed jagħsru l-qligħ ta' imprendituri fis-settur turistiku.

10.16 Għalhekk Gvern Laburista ġdid jimplimenta pjan biex itaffi l-ispejjeż tal-lukandiera u imprendituri oħra fit-turiżmu, biex fl-aħħar mill-aħħar jitjiebu l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'dan is-settur. Filwaqt li nifhmu sew is-sens ta' inizjattiva u r-riskji ta' l-imprendituri, m'aħna qatt se ninsew li l-ħaddiema għandhom jibqgħu jgawdu d-dinjità li jaqilgħu l-għixien tagħhom b'mod xieraq, bla ma jitilfu mid-dinjità li kisbu f'pajjiżna tul is-snin.

10.17 F'oqsma oħra tas-servizzi għandu jsir studju ta' kif nistgħu ntaffu l-problema li dejjem qegħda tiżdied, dik tat-telfien ta' ħaddiema speċjalizzati u mħarrġa (l-hekk imsejjaħ *brain drain*). Din il-problema l-aktar li qed tinħass bħalissa hu fil-qasam tas-saħħa. Ħafna tobba u speċjalisti paramediċi qed isiefru biex jitħarrġu aktar u ma jiġux lura. Hemm bżonn akut biex il-Gvern joħroġ bi skemi li jħajru lil dawk li l-Gvern ikun investa eluf ta' liri fihom, jirritornaw lura wara l-istudji post-grad tagħhom, jibqgħu jaħdmu f'pajjiżna.

10.18 F'setturi oħrajn bħalma huma dawk tal-farmaċewtika u ta' l-informatika, insibu domanda kbira għal nies kapaċi u mħarrġa, imqabbla mal-provista ta' ħaddiema. Dan qiegħed jikkaġuna żbilanċi serji fis-suq tax-xogħol, li saħansitra xekklu uħud mill-investimenti li kienu se jseħħu f'dal-qasam.

## 11. PRINĊIPJI FUNDAMENTALI

11.1 F'kull ma' jkun ippjanat għandu jkun hemm il-gwida kontinwa tal-ġustizzja soċjali. Id-dritt fundamentali ta' kulħadd għal tagħlim u taħriġ xieraq għandu jassigura proċess kontinwu, iggwidat mill-Istat, li jorbot b'mod xieraq u dinjituż, is-snin ta' tħejjija u taħriġ, maż-żmien li persuna tidħol fid-dinja tax-xogħol .

11.2 Il-Partit Laburista jemmen li bis-sehem tal-forzi soċjali kollha interessati, dan il-proċess għandu jwassal biex ikollna kotra ta' ħaddiema mħejjija tajjeb għal dak li jkun mitlub minnhom ħalli jaqilgħu l-għixien tagħhom. Gvern Laburista ġdid jisħaq fuq il-ħtieġa li l-isħab soċjali kollha jaħdmu id f'id biex jassiguraw kull titjib possibbli fil-qasam tax-xogħol ta' pajjiżna. Bl-eżempju tiegħu stess, Gvern Laburista jagħti kull xhieda ta' dan l-impenn. (Ara wkoll xi ktibna fl-introduzzjoni ta' dan id-dokument.)

11.3 Biex dan il-għan jintlaħaq, il-pajjiż jeħtieġ strateġija nazzjonali - bis-sehem ta' kulħadd - li tenfasizza l-ħtieġa ta' edukazzjoni kontinwa u ta' taħriġ xieraq, kif ukoll it-tkabbir ta' attività ekonomika u kummerċjali li tkun l-aktar vijabbli biex toffri opportunitajiet ta' aktar impjiegi .

11.4 Kwalunkwe politika favur l-impjiegi għandha tissejjes fuq tlitt prinċipji fondamentali :

[a] ġustizzja soċjali
[b] parteċipazzjoni ta' l-imsieħba soċjali kollha
[c] edukazzjoni u taħriġ xieraq f'kull livel.

## 12. VIŻJONI REALISTIKA

12.1 Pajjiżna ma jistax jibqa' jitmexxa bħallikieku jinsab fi stat ta' kriżi kronika, b'lipazzar u traqqigħ ta' kafkaf, ta' suq ħa mmorru - kif ġara fl-aħħar sittax-il sena.

12.2 Pajjiżna jeħtieġ li min imexxih ikollu viżjoni li tgħodd u taqbel għal pajjiżna u mhux għal ħaddieħor. Trid tkun viżjoni li tqis u tiġbor lil kulħadd u mhux tinħela fuq dawk li jkollhom is-saħħa ta' ħbiberiji vizzjati jew il-poter tal-flus.

12.3 Pajjiżna jeħtieġ viżjoni u ppjanar serju mibni fuq djalogu effikaċi u effettiv bejn is-sħab soċjali kollha li jkollhom f'idejhom il-fatti reali kollha u mhux logħob ta' figuri - mingħajr teatrin ta' gvern jgħaffeġ u jiddetta, bil-bqija jikkrepaw, u jekk jiftħu ħalqhom jiġu meqjusa li jridu jfixklu.

12.4 Iktar ma skarsaw l-opportunitajiet ta' impjiegi fl-aħħar snin, iktar deher ċar id-distakk fil-livell bejn il-ħiliet meħtieġa għal impjieg, u l-ħiliet li fil-fatt ikollhom dawk li qegħdin ifittxu mpjieg. Dan waħdu diġà joħloq il-bżonn urġenti ta' ristrutturar iktar serju fil-mod kif l-istudenti u ż-żgħażagħ jitħejjew biex jiksbu l-ħiliet li se jkunu qed jitolbu minnhom dawk li jħaddmu.

## 13. *EMPLOYABILITY*

13.1 Għalkemm il-kwistjoni ta' *employability* ilha tinħass sewwa, issa saret iktar urġenti minħabba t-tnaqqis drastiku fl-opportunitajiet ta' mpjiegi. Huwa minnu li dan il-fenomenu laqat tista' tgħid lid-dinja kollha. Imma huwa daqstant ieħor minnu li f'pajjiżna kellna gvern li baqa' ċass u kien iktar moħħu fi *slogans* attraenti milli f'impenn serju li jilqa' għal din l-isfida.

13.2 Din tinħass fuq żewġ saffi . Fl-ewwel saff, għandek il-problema ta' kif is-sistema edukattiva tagħna se tipprepara lill-istudenti b'mod li l-korsijiet akkademiċi tagħhom (f'livell ta' snajja` u ta' MCAST, u f'livell universitarju) ikunu mfassla aktar fuq bażi ta' karrieri u ta' impjiegi fil-futur. Jiġifieri jinħass bżonn akut li s-sistema edukattiva tagħna tkun aktar *career oriented*.

Fit-tieni saff, għandna l-problema ta' eluf ta' ħaddiema qegħda, li waqgħu barra mis-sistema edukattiva tagħna. Għaldaqstant spiċċaw tilfu ħafna mill-kwalitajiet ta' snajja u ħiliet meħtieġa għas-suq tax-xogħol, u sar ferm diffiċli biex jinstabilhom impjieg diċenti fiż-żminijiet tal-lum. Ikollhom jispiċċaw jagħmlu xhur jew snin sħaħ ifittxu impjieg, jew ikollhom jikkuntentaw b'impjiegi b'kundizzjonijiet tax-xogħol ferm agħar minn dawk li jkunu jixtiequ. Dan jorbot ukoll mal-Pjan ta' l-Edukazzjoni.

13.3 Biex din il-problema tkun indirizzata bis-serjetà , irridu nifhmu li l-proċess ta' *employability* għandu jibda minn kmieni fis-sistema tat-tagħlim tagħna u li m'għandux jieqaf fl-aħħar sena ta' l-iskola, iżda għandu jissokta saħansitra waqt l-impjieg. Dan jiggarantixxi li iktar tard fis-snin, impjegat ma jsibx ruħu barra mix-xogħol minħabba ċirkostanzi jew ħiliet li jinbidlu minn żmien għal żmien.

13.4 Sfortunatament l-istrutturi tax-xogħol ta' pajjiżna ftit li xejn jgħinu f'inizjattivi ta' *life long learning*, kemm fuq bażi ta' gvern u kif ukoll fuq bażi ta' intrapriżi privati. Dan ma jfissirx li m'hemmx intrapriżi privati li m'humiex attivi f'dan il-qasam, biss xorta waħda għadna lura ħafna ħdejn pajjiżi oħrajn. U dan għaliex il-Gvern innifsu jidher li tilef kull ħeġġa u iniżjattiva biex jilqa' għall-isfida ta' l-*employability* .

## 14. GLOBALIZAZZJONI

14.1 Il-globalizazzjoni hija realtà li rridu niffaċċjaw, imma m'hijiex l-uniku problema li rikbet lil pajjiżna fl-aħħar snin. Fuq naħa għandna l-fatt li l-prezz tal-produzzjoni wassal biex l-aspett uman bosta drabi ġie ridott għal sempliċi ċifri, waqt li fuq in-naħa l-oħra ma sar xejn mill-gvern biex jipprovdi l-iċken protezzjoni soċjali kontra l-għoli tal-ħajja.

14.2 Agħar minn hekk, kien il-gvern innifsu li ħoloq ħafna spejjeż, taxxi u ħlasijiet kbar oħra li tefgħu piżijiet enormi fuq l-azjendi .

14.3 L-għafsa tal-piżijiet soċjali u finanzjarji - fuq l-impjegati u fuq min iħaddem - wasslet biex

bosta ħaddiema kellhom jikkuntentaw bi tnaqqis fil-pagi u fil-kundizzjonijiet tax-xogħol ħalli b'hekk min iħaddem jibqa' lura milli jagħti sensji. Fl-istess waqt - minħabba ż-żidiet fil-prezzijiet tad-dawl, ilma, *fuel* u *s-surcharge* dejjem togħla - żdidu l-ispejjeż tal-produzzjoni għal dawk li jħaddmu.

14.4 Pass pass ma` dawn ix-xejriet ġodda qed tiddaħħal mentalità fejn is-suq tax-xogħol qed isir aktar flessibbli. F'xi każi l-flessibiltà fil-kundizzjonijiet tax-xogħol hija inevitabbli. Anzi allaħares ma jsirx hekk, għax industriji partikolari jafu ma jibqgħux kompetittivi u jkollhom jagħlqu. Madankollu Partit Laburista fil-gvern jassigura li tali flessibiltà ma tiġix tfisser sfruttament tal-ħaddiema, jew tnaqqis fid-drittijiet u d-dinjità tagħhom.

14.5 Dawn il-problemi qed joħolqu ħafna inċertezza fil-pajjiż li fl-aħħar mill-aħħar qed twassal biex jintilfu opportunitajiet ta' investimenti ġodda. S'issa l-ispejjeż u l-prezzijiet qed isiru tant għoljin li qed jikkaġunaw telfien ta' xogħol ġdid, kif ukoll qed jipperikolaw l-impjiegi diġà eżistenti.

14.6 Gvern Laburista ġdid ipoġġi l-ġlieda kontra l-għoli tal-ħajja fiċ-ċentru tal-politika tiegħu ħalli jsostni u jtejjeb il-kundiżzjonijiet tax-xogħol tal-ħaddiema, u ħalli titjieb il-kompetittività tax-xogħol Malti. Jinqeda mingħajr tnikkir bl-apparat regolatorju eżistenti u jkompli jsaħħu biex jassigura li titrażżan l-inflazzjoni. Għal dan il-għan idaħħal ukoll miżuri oħra li jkunu kompatibbli mar-regoli ta' l-Unjoni Ewropea. Bħala prijorità, tingħata attenzjoni speċjali lill-prezzijiet fl-oqsma ta' l-ikel, tal-mediċini, tad-dawl u l-ilma, tas-servizzi tat-trasport u tas-servizz edukattivi. Barra minn dan, titieħed azzjoni sħiħa biex tevita li fuq medda ta' xhur jekk mhux snin, l-introduzzjoni ta' l-euro fl-1 ta' Jannar 2008 ma tintużax bħala skuża biex tkompli togħla l-ħajja.

## 15. *LIFE-LONG LEARNING*

15.1 Bħala parti minn strateġija maħsuba biex intejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol għall-ħaddiema tal-lum u ta' għada, jinħass il-bżonn sħiħ li ntejbu r-riżultati fl-edukazzjoni f'kull livell. Filwaqt li rridu nnaqqsu l-illitteriżmu, irridu nżidu l-enfasi biex l-għażliet ta' korsijiet universitarji jkunu jirriflettu dejjem aħjar l-iżviluppi li jkunu qed iseħħu fid-dinja tax-xogħol. L-edukazzjoni jeħtieġ li sservi ta' benniena ta' kreatività biex inkunu nistgħu nibdew inħarsu lejn l-innovazzjoni bħala parti mill-ħajja ta' kuljum tagħna.

15.2 Il-bżonnijiet tas-suq tax-xogħol tal-ġejjieni għandhom jigu identifikati minn kmieni. B'hekk inkunu nistgħu nippjanaw aħjar il-ħiliet ta' l-istudenti tagħna li ser ikunu l-ħaddiema tal-ġejjieni. Illum, dal-proċess għadu mhux qed jitwettaq b'mod effettiv.

15.3 Fl-istess nifs irridu nerġgħu noħolqu spazju għal studenti li qabel kienu jidħlu fl-iskejjel tas-snajja` u issa mhux qed isibu post fl-MCAST. Lil dawn irridu noffrulhom spazju xieraq sabiex xorta waħda jkunu jistgħu jiżviluppaw orjentament lejn ħiliet artiġjanali u tekniċi. L-iskejjel

sekondarji kollha għandhom joperaw f'sinerġija sħiħa ma' l-MCAST bil-għan li, sa minn età żgħira, l-istudenti jingħatalhom taħriġ vokazzjonali. Dan jorbot mal-Pjan ta' l-Edukazzjoni.

15.4 Minbarra dan, kif diġà għedna, jinħass il-bżonn ta' aktar *life-long learning*. F'pajjiżna l-istudju u t-taħriġ li jsiru waqt li persuna tkun fl-impjieg għadhom mifruxa ħafna anqas fost il-ħaddiema u l-impjegati tagħna milli jiġri tista' tgħid fil-pajjiżi l-oħra kollha li huma kompetituri tagħna. Għaldaqstant jeħtieġ li l-gvern jimbarka fuq proġetti, fejn bi sħab ma' dawk li jħaddmu, jinħoloq ambjent aħjar fejn l-istudju u t-taħriġ fost il-ħaddiema jiġu inkoraġġiti u megħjuna.

## 16. VIŻJONI ĊARA

16.1 L-ikbar tort fix-xenarju tal-kundizzjonijiet tax-xogħol f'pajjiżna għandu jingħata lin-nuqqas ta' viżjoni ċara mit-tmexxija Nazzjonalista. Min sal-lum ipprova jgħaddi ż-żmien bil-poplu, ma ndunax li ż-żmien baqa' għaddej ukoll u ma stenna lil ħadd.

16.2 Jekk għandna popolazzjoni ta' ħaddiema li issa qalbu l-eta' ta' erbgħin sena, irridu nifhmu li diġà naqset sew il-ħila tagħhom biex jieħdu taħriġ ġdid u, sakemm jistgħu jagħmlu dan, l-impjiegi li se jkunu offruti jew disponibbli se jkunu aktar jgħoddu għal persuni iktar żgħażagħ u b'taħriġ frisk.

16.3 Gvern Laburista ġdid iqis l-edukazzjoni u t-taħriġ bħala proċess kontinwu li mhux biss jibda fuq sisien sodi fis-snin fl-iskola, imma jissokta meta l-istudent jidħol fid-dinja tax-xogħol u allura għandu jibqa' jesplora kull possibilita' li jtejjeb l-impjieg tiegħu .

16.4 Is-sistema edukattiva Maltija m'hix tlaħħaq mad-domanda għal ħiliet ġodda li għandha bżonn ekonomija bbażata fuq l-għerf. Dan huwa fattur importanti li xekkel l-progress li seta' seħħ. Investiment f'teknoloġiji ġodda li jieħdu post impriżi eżistenti jew jintroduċu impriżi bi produzzjoni moderna fejn l-ispiża tax-xogħol mhix daqstant determinanti, waqgħu lura.

16.5 Flok sar żvilupp raġunat skond xenarju dejjem jinbidel fl-iskejjel tas-snajja`, ġenerazzjonijiet sħaħ ta' studenti żgħażagħ tilfu d-dritt u l-opportunità li huma wkoll jilħqu għixien diċenti skond l-orjentament tagħhom. F'dan ir-rigward jidher ċar li l-MCAST mhux ilaħħaq mal-bżonnijiet ta' taħriġ, u jibqa' l-fatt li sal-lum għad għandna eluf ta' żgħażagħ li waqgħu barra l-kriterji li bihom tista' tidħol fl-MCAST. Għaldaqstant kellhom jisfurzaw mhux ftit biex jidħlu fid-dinja tax-xogħol, għax baqgħu bla tħejjija akkademika jew teknika skond kif kienu jeħtieġu .

16.6 Għalhekk jinħass bżonn kbir sabiex l-istrutturi tal-MCAST jissaħħu ħalli ħadd ma jibqa' barra. Kull student għandu jingħata l-ispazju sabiex ikompli jiżviluppa l-ħiliet tiegħu. F'pajjiż żgħir bħal tagħna żgur li ma nistgħux nippermettu li nitilfu anki student u ħaddiem futur wieħed għar-raġuni li ma jkunx ġie mħarreġ kif xieraq.

16.7 Kemm l-Istat kif ukoll dawk li jħaddmu għandu jkollhom interess ġenwin fil-proċess ta' edukazzjoni kontinwa. Filwaqt li l-Istat u l-edukaturi jiżguraw l-aqwa livelli ta' edukazzjoni u taħriġ akkademiku u tekniku, dawk li jipprovdu x-xogħol mhux biss għandhom ikunu interessati f'din l-ewwel parti tal-proċess, imma għandhom ikunu wkoll lesti li jtejbu u jgħollu l-livelli u l-ħiliet ta' l-impjegati tagħhom.

16.8 Dan isir skond pjan maħdum u mibni fuq djalogu bejn dawk kollha involuti bil-għan li jkunu identifikati minn kmieni l-bidliet, ix-xejriet u l-esiġenżi li dejjem jinbidlu għal ħiliet speċifiċi fid-dinja tax-xogħol. Il-pjan jista' jseħħ f'forma ta` ftehim/patt bejn il-Gvern, min iħaddem u l-*unions*; ikun hemm qbil dwar kif isir investiment massiċċ fit-taħriġ tal-ħaddiema. Il-pjan jinħadem skond l-esiġenzi tas-suq u skond x'se jkun qed jitlob is-suq fuq medda fit-tul, idealment fuq perjodu ta' bejn għaxar snin u ħmistax-il sena. Gvern Laburista ġdid jipprovdi inċentivi lill-azjendi li jieħdu sehem attiv u sostnut fi pjan bħal dan.

## 17. IL-VIŻJONI LABURISTA

17.1 Il-Partit Laburista twaqqaf biex idaħħal fil-pajjiż it-twettiq tal-ġustizzja soċjali u jħares l-għixien xieraq tan-nies kollha tax-xogħol. Il-ħolqien ta' l-impjiegi kien dejjem prijorità daqskemm kienu l-edukazzjoni u t-taħriġ, bħala bażi indispensabbli għall-qligħ ta' l-għixien.

17.2 Għalina ż-żewġ oqsma tqiesu dejjem bħala pedamenti ewlenin li fuqhom jinbena l-ġid tal-pajjiż. Kull meta dawn it-tnejn ġew aljenati minn xulxin, inħoloq u ssokta jikber id-distakk bejn dak li jitgħallmu wliedna u dak li trid minnhom id-dinja tax-xogħol.

17.3 Nemmnu li b'konsultazzjoni u kollaborazzjoni sħiħa bejn il-gvern u l-imsieħba soċjali, il-problemi u l-isfidi li jinsabu quddiem pajjiżna fil-qasam tal-kundizzjonijiet tax-xogħol għandhom jiġu indirizzati kif ġej:

17.4 (A) Fuq medda qasira ta' żmien

Nidentifikaw x'inhuma dawk il-problemi/temi li jirrikjedu l-aktar trattament urġenti u li fl-istess ħin huma l-aktar faċli li jiġu indirizzati, billi :

[i] innaqqsu l-burokrazija fis-settur pubbliku u napplikaw b'serjetà l-leġislazzjoni diġà eżistenti li tħares il-kundizzjonijiet tax-xogħol.

[ii] nagħtu spinta b'inċentivi u appoġġ dirett mill-gvern lill-addattament tas-suq tax-xogħol għal ċirkustanzi li dejjem qegħdin jinbidlu f'Malta u barra.

[iii] ninċentivaw l-innovazzjoni u l-kreattività, waqt li noħolqu direzzjonijiet ġodda ta' investiment ġdid barrani. M'għandniex nibqgħu inħarsu lejn l-investiment barrani bilfors kif konna inħarsu lejh 30 jew 40 sena ilu.

[iv] nirrikonoxxu li pajjiżna qiegħed parti minn proċess ta' globalizzazzjoni kontinwa,

proċess li minħabba ċ-ċokon tal-pajjiż, ftit li xejn jista' jinfluwenza. Iżda dan ma jfissirx li aħna ma nistgħux naddattaw għall-forzi ġodda li jiżviluppaw fis-suq. Anzi għandna nkunu aktar għaqlin milli kien il-Gvern Nazzjonalista billi mill-kliem ngħaddu għall-fatti.

[v] infittxu li noħolqu inizjattivi ġodda dwar it-tip ta' investimenti ġodda li nistgħu nwasslu lejn xtutna.Tajjeb li nevalwaw il-possibilità li pajjiżna nżidulu possibiltà oħra ta' *satellite base investments* għal kumpanniji multinazzjonali, fejn dawn joperaw biex jaqdu s-swieq tar-reġjun tal-Mediterran.

[vi] inżommu taħt sorveljanza kontinwa l-kundizzjonijiet tax-xogħol, speċjalment ta' ċertu kategoriji ta' ħaddiema, p.eż. dawk *part-time* u ħaddiema nisa.

[vii] Gvern Laburista ġdid jinkoraġġixxi aktar parteċipazzjoni tan-nisa Maltin u Għawdxin fis-suq tax-xogħol, billi :

- [a] jipprovdi *child care centres* li realment jiffunzjonaw bħala appoġġ għal ommijiet ħaddiema. Il-prezz ikun wieħed sussidjat.
- [b] b'liġi jiġi regolat is-settur kollu taċ-*child care*, peress li minbarra l-aspett finanzjarju, jinħass fost l-ommijiet ċertu biża' meta jiġu biex jafdaw lil uliedhom ma' nies barra l-familja. Ukoll, il-gvern jimbarka fuq kampanja edukattiva f'dan ir-rigward.
- [c] titwaqqaf struttura alternattiva għal *child care centres*, billi jiddaħħal il-kunċett ta' *shared mothering*. Ommijiet li jkunu għadhom id-dar jieħdu ħsieb uliedhom jew li ma jkunux jixtiequ jidħlu fid-dinja tax-xogħol, jingħataw l-opportunità li jaħdmu min ġewwa djarhom stess, fejn jieħdu ħsieb tfal ta' ommijiet oħra. Servizzi bħal dawn jaqgħu taħt il-liġi li tirregola s-settur taċ-*child care*.
- [d] titwessa' s-sistema li biha skejjel jibqgħu miftuħa wara li jispiċċaw il-klassijiet formali, u jipprovdu superviżjoni, sport u taħriġ lil tfal li ommijiethom ikunu għadhom xogħol.
- [e] fis-servizz pubbliku, jitħaddem proġett formali biex il-*flexi-time* jiġi attwat anki skond ħtiġijiet individwali, bi qbil bejn impjegati u s-superjuri tagħhom. Fl-azjendi privati, fejn hu possibbli jiddaħħlu l-kunċetti ta' *annualized hours* u ta' *teleworking*.
- [f] jittejbu strutturi fiskali li jħajru aktar il-mara tirritorna fis-suq tax-xogħol u jinħolqu strutturi ġodda.

17.5 (B) Fuq medda twila ta' żmien

Gvern Laburista ġdid jaħdem bi pjan maqbul ma' l-imsieħba soċjali biex fuq medda twila ta' żmien, jintlaħqu dawn il-miri:

[i] intejbu l-effiċjenza fis-suq privat, mhux l-anqas billi noħolqu inizjattivi fiskali ġodda

[ii] insostnu djalogu u kooperazzjoni ma' dawk kollha interessati

[iii] ninkoraġġixxu u nżidu l-flessibilità fis-suq tax-xogħol waqt li jibqa' jingħata ħarsien soċjali sħiħ lill-ħaddiema kollha

[iv] intejbu l-ħiliet tekniċi tal-ħaddiema tagħna billi

- [a] nisħqu għal titjib u twessigħ ta' skemi ta' apprendistat għax dawn jibqgħu kruċjali biex iż-żgħażagħ ħaddiema u studenti tagħna jiksbu esperjenza fuq il-post

tax-xogħol sa mill-bidu tal-karriera tagħhom, u anki qabel ma tkun bdiet. Barra minn hekk l-apprendist jitħejja għax-xogħol permezz ta' esperjenza diretta.

[b] insaħħu l-faċilitajiet u korsijiet li tipprovdi l-MCAST

[v] nippromwovu *life-long learning* fattwali

[vi] insaħħu t-taħriġ vokazzjonali sa minn livell sekondarju

[vii] nistimulaw u ngħinu ristrutturar ippjanat bil-galbu għax dan għandu jkun proċess kontinwu fid-dinja tax-xogħol. Iwassal biex impjiegi ma jsirux irrelevanti u biex jinħolqu mpjiegi ġodda. Nagħtu kull appoġġ lill-mexxejja ta' azjendi li juru impenn għal responsabbiltà soċjali fl-imġiba tal-korporazzjoni tagħhom

[viii] niżguraw li fl-edukazzjoni taż-żgħażagħ tagħna, jingħata tagħrif aġġornat tal-bidliet u xejriet fil-qasam ta' l-impjiegi, liema tagħrif jingħata f'livelli differenti biex isir parti mill-għodda personali ta' ħiliet li bihom iż-żgħażagħ jersqu lejn id-dinja tax-xogħol

[ix] infejqu l-mentalità korrotta li biex wieħed jikseb impjieg irid jippostja ruħu fil-klikek tal-ħbieb jew ta' wliedhom

[x] nerġgħu nrawmu soċjetà effiċjenti u ġusta li tipprovdi opportunitajiet attraenti u ugwali għal kull min jiflaħ jitgħallem u għal kull min jrid jaħdem.

# KONKLUŻJONI

Il-pjani maħsuba biex isostnu u jtejbu l-kundizzjonijiet tax-xogħol f'pajjiżna, għal żmien ta' medda qasira u għat-tul, jitfasslu u jitwettqu b'impenn ta' djalogu reali - mhux taparsi. Jitwettqu b'ħidma id f'id ma' kull min għandu tassew interess ġenwin f'ekonomija aħjar u aktar ġusta - edukaturi, ħaddiema, *employers*, *unions* u dawk kollha li jemmnu li l-ħolqien tal-ġid nazzjonali hu sfida tal-Maltin u l-Għawdxin kollha li għaliha għandu jikkontribwixxi kulħadd u li minnha għandu jibbenefika kulħadd. Il-pjani imsemmija jkunu parti distinta u prijoritarja fil-ħidma ta' Gvern Laburista ġdid.